MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Numru. 617/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**IAN ZAHRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ian Zahra detentur tal-karta tal-identita' numru 666462M

Gie akkuzat:

Talli f'Jannar 2009 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu, (€2,329.37), ghad-dannu ta' kumpanija APA Import and Export, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu lli jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servicc tieghu:

B'hekk, huwa Ian Zahra, kiser il-kundizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u dan b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Kif ukoll sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 15 ta' Novembru, 2010 u nnutat li l-imputat Ian Zahra m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Etienne Calleja ghall-imputat umilment issuggerew li l-Qorti taghti l-ahhar opportunita' lill-imputat sabiex jirriforma ruhu u dana billi fost il-Provvedimenti li jidhrilha li ghandha taghti, il-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation sabiex ikun evitat li jsiru xi reati simili.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li jattendi regolarment ghas-sessjonijiet ta' trattament ghand il-Psikjatra tieghu u li jiehu regolarment il-medicini ordnati lilu mill-istess Psikjatra.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 293, 310(1) (a), 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 u l-artikolu 23(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Ian Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u minn Dr Etienne Calleja ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-imputat li iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li jattendi regolarment ghas-sessjonijiet ta’ trattament ghand il-Psikjatra tieghu u li jiehu regolarment il-medicini ordnati lilu mill-istess Psikjatra, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Ian Zahra taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Ian Zahra ghall-piena ta’ mitejn ewro (ewro 200) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Ian Zahra.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Ian Zahra kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti qeghda taghti lill-imputat Ian Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Ian Zahra sabiex fi zmien tlett (3) snin millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ elf u sitt mitt ewro (ewro1,600) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti Psikjatrici.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------